**Laqgha Numru 12/K6/2009**

**Introduzzjoni**

Minuti ta' Tnax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2009 li saret nhar l-Erbgha 22 ta' Lulju 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava (li wasal fil-5.45pm), Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat (li wasal fis-6.05pm) flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fis-16 ta' Lulju 2009. L-Agenda kienet:

- **01. Approvazzjoni tal-Minuti 11/K6/2009.**
- **02. Punti li johorgu mill-Minuti 11/K6/2009.**
- **03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
- **04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
- **05. Mistoqsijiet.**
- **06. Korrispondenza.**
- **07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
- **08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
- **09. Diskussjoni dwar l-Estimi Finanzjarji 2009/2010.**
- **10. Mozzjoni 02/09 - Devoluzzjoni ta' l-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill.**
- **11. Approvazzjoni tal-kontijiet.**
- **12. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 11/K6/2009.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 11/K6/2009 kif ipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 11/K6/2009.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 11/K6/2009 item 2.12 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li jinxtara emergency light normali li jehel ma' plakka u jitpogga fl-ufficcju tal-Kunsilliera u iehor fis-sala tal-Kunsill, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg xtaq ikun jaf jekk dawn humiex ser ikunu tat-tip tubi jew LED's.

2.02. Is-Sindku Joe Zammit qal li jinxtraw minn normali bit-tubi.

2.03. B'riferenza ghall-Minuti 11/K6/2009 item 8.21 fejn is-Sindku Joe Zammit ippropona li d-dokument ghandu jinhareg kif propost mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fi zmien opportun, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li minn informazzjoni li kien gabar jirrizulta li s'issa kienu nhargu avvizi mill-Kunsilli Lokali ta' Santa Lucija, Zurrieq u Siggiewi, l'izda fuq struzzjonijiet tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dawn gew irtirati biex dan ifisser li s'issa ebda Kunsill m'ghadu ma hareg dan it-tender.

2.04. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsill kiteb ittra lid-Direttur Natalino Attard u ghalhekk ikun ghaqli li t-tender ghandu jinhareg wara li l-Kunsill jircievi r-risposti tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

2.05. B'riferenza ghall-Minuti 11/K6/2009 item 10.02 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien ippropona li l-Kunsill ilaqqa' lir-residenti tal-komunita' flimkien billi jorganizza BBQ f'Awwissu u jsir fil-parkegg ta' madwar il-Kunsill, issir harga ghal Kemuna nhar il-Gimgha 31 ta' Lulju kif ukoll li ssir attivita' billi ssir zjara fl-impjant ta' RO Pembroke nhar il-Hamis 30 ta' Lulju, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li s'issa għad ma kellu ebda informazzjoni mingħand il-Vici Sindku li huwa responsabbli minn dan id-dikasteru dwar il-konferma ta' dawn l-attivitajiet.

2.06. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-attivita' tal-Kunsill proposta ghat-30 ta' Lulju jkun ghaqli li ma ssirx minhabba li hemm attivita' tal-Knisja fl-istess gurnata u ghalhekk irrakkomanda li din ghandha ssir f'gurnata ohra.

*2.07.* ***Il-Kunsillier Lauro Fava wasal fil-5.45pm.***

2.08. B'riferenza ghall-Minuti 11/K6/2009 item 17.31 fejn is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien talab il-permess tal-Kunsill sabiex nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis fix-xhur ta' Lulju u Settembru jinghata permess li jiehu l-break bejn il-12.15 pm u 13.15 pm minflok bejn in-12.00 pm u 13.00 pm u dan sabiex ikun jista' jigbor lit-tifel tieghu minn Summer School li qed jattendi f'San Giljan specjalment f'dak il-hin tas-shana, is-Segretarju Kevin Borg ipprezenta t-talba tieghu formalment bil-miktub. **(Ara dokument A)**

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 46/2009** b'rapport tal-laqgha tal-Bord ta' l-Ghazla dwar Tender 03/09 u Kwotazzjonijiet 1, 10, 16, 18, 19 u 20/09 **(Ara dokument B), Internal Memo 48/2009** b'rapport tal-kwistjoni dwar filmat fuq karozzi tal-linja **(Ara dokument C), Internal Memo 49/2009** b'rapport tal-laqgha tal-Kumitat tal-Finanzi **(Ara dokument D), Internal Memo 50/2009** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 11/K6/2009 u 12/K6/2009 **(Ara dokument E) u Internal Memo 51/2009** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 11/K6/2009 u 12/K6/2009 **(Ara dokument F).**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-Internal Memos ipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn id-9 u t-22 ta' Lulju 2009 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/3694/09/I**
09/07/2009
E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali s-Sur Silvio Frendo fejn b'riferenza ghall-Memo 37/2009 dwar garanzija bankarja fuq xoghlijiet ta' zvilupp informaw lill-Kunsill li l-MEPA qed tikkonferma li mhiex ser tirrilaxxa l-garanzija bankarja qabel mal-Kunsilli Lokali koncernati jaghtu l-approvazzjoni lill-applikant.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3694/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3695/09/I**
09/07/2009
Artiklu li deher fuq il-gazzetta Times of Malta mibghut mis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg dwar ir-Riforma fil-MEPA.

6.03. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3695/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3712/09/I**
10/07/2009
Dikjarazzjoni mill-ETC iffirmata mill-entitajiet li se jaghmlu uzu mill-iskema xoghol fil-komunita'.

6.04. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3712/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jaghti aktar informazzjoni.

6.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fid-dokument hemm il-linji ta' gwida ta' kif ser tahdem l-iskema fejn dawn il-persuni qed jigu mitluba li jahdmu 6 sieghat xoghol kuljum mit-Tnejn sal Gimgha bil-hinijiet diga stabbiliti ghalkemm fejn hemm hinijiet li huma differenti mix-xoghol tal-Kunsill dawn ghandhom jigu emendati wara li jkunu gew approvati mill-ETC u dan minhabba l-fatt li l-ETC qabdet kumpanija privata sabiex taghmel sorveljanza li dawn il-persuni verament ikunu fuq il-lant tax-xoghol.

**46/3715/09/I**
10/07/2009
E-mail minghand il-Kunsill Lokali San Giljan fejn baghtu kopja ta' l-e-mail li ntbaghtet lis-Sur Adrian Camilleri dwar l-istruttura llegali fil-Wied fejn informawh li l-MEPA hargu Enforcement Notice sabiex titnehha l-istruttura.

6.06. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3715/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3718/09/I**
10/07/2009
Memo minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali numru 42/2009 - Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2010.

6.07. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3718/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghmel talba ghal ghajnuna finanzjarja biex jigu l-grupp folkloristiku minn Roccalumera, dawk li talbu lill-Kunsill biex jiehdu parti f'xi serata kulturali f'Malta kif ukoll qal li kien ser ikun qieghed iressaq dokument ghall-attivita' Trooping of the Colours kif kien approva l-Kunsill xi xhur ilu biex il-Kunsill jara jekk din tikwalifikax taht din l-iskema. Is-Sindku Joe Zammit qal li ser ikunu mitluba biex jinvolvu ruhhom l-ambaxxati tal-pajjizi li xi darba kienu hakmu lil Malta jew influwenzaw b'xi mod il-wirt storiku tal-pajjiz.

6.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3779/09/I** 13/07/2009 Kopja ta' l-ittra li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali d-Direttur Natalino Attard baghat lill-Kunsill Lokali San Giljan dwar Triq Emanuel Decelis fejn informaw lill-Kunsill li d-Dipartiment stharreg l-ilment u l-imsemmija triq tinsab fil-konfini ta' Pembroke u talab biex jitnehhew it-tabelli li twahhlu.

6.10. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3779/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3790/09/I** 13/07/2009 E-mail minghand J&K Contractors Ltd. fejn ikkonfermaw li l-katusa/culvert hija nkluza fil-kwotazzjoni numru 46/09 ta' St. Andrews House.

6.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3790/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.12. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Ambjent bhalissa qed jaghmlu manutenzjoni fuq il-hajt li hemm madwar St. Andrews House.

6.13. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ghandu jirringrazzja lill-Ministru G. Pullicino ghall-involviment tieghu kif ukoll lis-sur Charles Cesare ghall-interess li ha.

6.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3802/09/I** 13/07/2009 E-mail minghand is-Sur Manuel Tabone mill-Ufficcju tas-Segretarju Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni fejn baghat prosit lis-Segretarju Ezekuttiv tar-ritratti li saru fuq il-website il-gdida tal-Kunsilli Lokali.

***6.16.*** B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3802/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

***6.17. Il-Kunsillier Joe Brincat wasal fis-6.05pm., wara li skuza ruhu li wasal tard minhabba inpenji ta' xoghol.***

**46/3806/09/I** 13/07/2009 E-mail minghand Faces Display fejn b'riferenza ghall-laqgha li saret maghha fit-23 ta' Gunju 2009 gewwa l-Kunsill informat lill-Kunsill li accettaw li jinqala' l-bus shelter ta' Triq il-Mediterran minghajr ma jerga' jitwahhal ghall-prezz ta' €466.00 eskluz il-VAT.

6.18. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3806/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li l-Kunsill ghandu jkun infurmat li b'dan se jibqa' xi bilanc ta' fondi ghall-Kunsill u ghalhekk ippropona li din l-offerta ghandha tigi accettata u ghalhekk ghandu jsir il-

hlas dovut. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill ghandu jitlob il-permess tal-MEPA ghall-Bus Stop ta' Triq il-Mediterran li hemm faccata ta' Triq Fra Giuseppe Zammit.

6.19. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3827/09/I** 14/07/2009 Ittra minghand l-ECAD dwar stedina ghall-konferenza li ser issir bejn l-14 u l-15 ta' Settembru 2009 gewwa l-Estonia u seminar iehor li ser isir bejn it-8 u l-11 ta' Ottubru 2009 gewwa Rimini fl-Italja.

6.21. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3827/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li huwa ser ikun qed jiehu sehem f'xi wahda minn dawn il-konferenzi u qal li naturalment ser ikun qed ihallas kollox huwa personalment. Il-kelliem talab li dan ikun approvat mill-Kunsill.

6.22. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni.

6.23. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3829/09/I** 14/07/2009 E-mail minghand Pembroke Athleta Football Nursery is-Sinjura Yvonne Debono fejn b'riferenza ghat-tornament tal-futbol informat lill-Kunsill li l-ftuh ufficjali tal-grawnd ser isir f'Jannar u ghalhekk ma tarax problema li tornament ma' Roccalumera isir bejn l-4 u 9 ta' Settembru izda jikkonfermaw wara li tigi diskussa mal-coaches/kumitat.

6.25. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3829/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.26. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jsir komunikat ma' St. Michael Scouts dwar il-possibilita' li l-grupp minn Roccalumera jaghmlu uzu mill-facilitajiet taghhom jew minghand xi entitajiet ohra fosthom Villa Rosa Complex ect.

6.27. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3831/09/I** 14/07/2009 E-mail minghand il-MEPA bl-Agenda DCC li ser jinstemghu fit-22 ta' Lulju 2009 – PA02766/08 – Landsaped Area @ Triq Pietru D'Armenia – Proposed EU landscaping project phase 2 (Phase 1 covered by PA1606/07).

6.29. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3831/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3834/09/I** 14/07/2009 E-mail minghand l-AKL fejn talbu nibghatu l-kummenti u suggerimenti fuq id-dokument dwar ir-Riforma fil-MEPA.

6.30. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3834/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3847/09/I** 15/07/2009 Ittra minghand is-Sur Vincent Dougall fejn informa lill-Kunsill li ghandu problema biex jidhol u johrog minn gol-garaxx (74, Triq Dun Amabile Sisner) tieghu minhabba pparkjar ta' vannijiet u trakkijiet u ssugerixxa li jithalla spazju ta' 0.75m minn kull naha u jigi mmarkat b'no stopping jew keep clear.

6.31. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3847/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem ippropona li din l-ittra ghandha tintbaghat lill-ADT ghas-suggeriment taghhom. Il-kelliem ippropona ukoll li s-sid il-propjeta’ numru 29/27 ta’ l-istess triq ghandu jigi nfurmat li wara li kien kellmu s-Sindku gimghatejn ilu wara li huwa hareg bil-madum fuq il-bankina li hija propjeta’ pubblika u ghalhekk qed johloq ostakolu ghall-passagg pubbliku u ghalkemm kien mitlub biex tinqata’ livell ma’ l-appogg, dan ghadu ma sarx u ghalhekk ghandu jinghata 3 t’ijiem cans minn meta jircievi l-ittra tal-Kunsill sabiex jirranga l-pozizzjoni tieghu inkella jigi rrapurtat lill-MEPA.

6.32. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.33. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3851/09/I** 15/07/2009 E-mail minghand Comune di Roccalumera fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar it-tornament tal-futbol u l-grupp ta’ scouts, xtaqu konferma u jigu ccarati xi punti fosthom konferma jekk fehmux l-ittra sew li l-Kunsill ser ihallas ghat-trasport, trophies u ghall-ikla mal-Kunsilliera u l-grupp u huma ser ihallsu ghall-vjagg, staqsew ukoll jekk id-dati ghat-tornament humiex tajbin bejn l-4 u 7 ta’ Settembru sabiex ikunu jistghu jibbukjaw il-biljetti ta’ l-ajru, talbu ninfurmawhom bl-etajiet tal-players u staqsew ukoll meta ser jigu ta’ l-iscouts fejn ser joqghodu jekk hux se jaghmlu uzu mill-bini ta’ l-iScouts tal-lokal.

6.34. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3851/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kkonferma mieghu dan kollu ghax se jkun l-istess trattament l’inghata lill-grupp ta’ Pembroke Athleta meta dawn kienu marru f’Settembru 2008.

6.35. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg xtaq ikun jaf l-etajiet u jekk id-dati proposti humiex accettabbli.

6.36. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li dawk li ser jippartecipaw huma kollha taht is-sittax il-sena.

**46/3852/09/I** 15/07/2009 E-mail minghand il-Fondazzjoni OASI fejn b'riferenza ghan-nominazzjoni ghaz-zaghzugh/a tas-sena 2009 baghtu applikazzjoni ta’ nominazzjoni kif ukoll informaw lill-Kunsill li taghlaq nhar l-Erbgha 12 t'Awwissu 2009.

6.37. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3852/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.38. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jikkomunika mal-Kappillan biex il-Kunsill jara jekk hemmx xi persuna li tista’ tigi nominata.

6.39. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.40. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3860/09/I** 16/07/2009 Ittra minghand l-ETC jistiednu lill-Kunsill jipparteċipa fl-iskema Employability Programme billi jsiru numru ta’ korsijiet fil-Kunsill.

6.41. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3860/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jippartecipa f’din l-inizjattiva.

6.42. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.43. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3881/09/I**
17/07/2009

E-mail minghand il-MEUSAC dwar deadlines ghall-applikazzjonijiet għall-progetti ta' l-EU.

6.44. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3881/09/I** is-Sindku Joe Zammit qal li fil-futur ser issir laqgha mal-MEUSAC dwar dawn il-programmi.

**46/3288/09/I**
18/06/2009
**46/3889/09/I**
20/07/2009

Ittra minghand il-Verdala International School jistaqsu lill-Kunsill meta ser isiru r-road humps fi Triq Cassino kif approvati mill-ADT.

6.45. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/3288/09/I u 46/3889/09/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ghandu jitlob laqgha mad-dirigenti ta' l-iskola dwar dan il-kaz u affarijiet ohra.

6.46. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.47. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3888/09/I**
20/07/2009

Ittra minghand is-Sur Mario Mallia fejn baghat ittra t'oggezzjoni dwar id-decizjoni li ha l-Kunsill rigward it-tender 03/2009 tal-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

6.48. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3888/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li saret laqgha b'urgenza ma' l-Avukat tal-Kunsill u fil-fatt ser jinbeda l-process skond il-ligi.

6.49. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrakkomandat li meta jinhargu l-offerti, il-Kunsill ghandu jkollu lista ta' dokumenti li jridu jkunu ritornati sabiex tigi vverifikata qabel jigu aggudikata, liema lista ghandha tkun parti mit-tender ukoll.

6.50. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.51. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3894/09/I**
20/07/2009

Ittra minghand it-Traffic Management Unit fejn informaw lill-Kunsill li ma jsibux oggezzjoni li Triq Gioacchino Le Brun issir one way ghall-perjodu ta' 4 xhur.

6.52. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3894/09/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li jigu ordnati t-tabelli mehtiega.

6.53. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.54. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.55. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li minn informazzjoni li ghandu minghand il-Perit Gordon Zammit ta' l-ADT jidher li l-applikazzjoni ta' Residential Parking Scheme ta' l-akwati ta' Triq Falaise ser tigi approvata kif mitlub mill-Kunsill.

**46/3897/09/I**
20/07/2009

E-mail minghand is-Sinjura Vanessa Gonzi li toqghod Sit A fejn qed tistaqsi l-Kunsill jekk sarx xi haga rigward l-istorbju li qed isir mit-tfal fil-komun.

6.56. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3897/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li ser issir laqgha ghal dawn ir-residenti nhar it-Tnejn 27 ta' Lulju 2009 fis-7.00 pm fuq il-post. Il-kelliem qal ukoll li laqgha simili ser issir nhar il-Hamis 30 ta' Lulju 2009 fis-7.00 pm fil-Kunsill mar-residenti ta' Sit C u D.

**46/3901/09/I** 20/07/2009 E-mail minghand is-Sur Alan R. Curry mill-Life Cycle fejn informa lill-Kunsill bl-attivita' li jixtiequ jorganizzaw qabel ma' jitilqu ghall-attivita' ta' Life Cycle fis-6 ta' Awwissu u talbu l-Kunsill jghinhom, sabiex isir it-tindif madwar it-trakk tal-BMX kif ukoll sabiex isir kuntatt mal-Principal ta' l-Iskola Sir Adrian Dingli biex jaghtuhom permess juzaw it-trakk ta' l-iskola wara nofsinhar ghall-attivita' li qed jippjanaw li ssir.

6.57. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3901/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghal din l-attivita', li jsir it-tindif mitlub mill-kuntrattur tal-Kunsill u li tintbaghat ittra lill-Kap ta' l-Iskola bhala appogg ghal din l-inizjattiva.

6.58. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.59. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3904/09/I** 20/07/2009 E-mail minghand is-Sur Aldo Minuti mill-Banda Spinola fejn informa l-Kunsill li jxtiequ jiltaqghu mal-Kunsill sabiex flimkien jiddiskutu l-possibilita' li jigi organizzat marc fil-festa ta' l-Irxoxt.

6.60. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3904/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jiltaqa' mas-sur Aldo Minuti dwar din il-proposta.

6.61. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.62. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit irrifera lill-Kunsill ghall-Minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kumitat kongunt fejn informa lill-Kunsill ukoll li l-Kunsill kien ircieva €1,706 bhala sehem mit-tqassim li johrog il-Kumitat Kongunt minn zmien ghal zmien.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma kienx hemm attivitajiet godda x'jigu diskussa.

## 09. Diskussjoni dwar l-Estimi Finanzjarji 2009/2010.

9.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill ir-rapport tal-Kumitat tal-Finanzi. **(Ara dokument D)**

9.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaccetta r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-Finanzi u jsiru l-emendi necessarja.

9.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Mozzjoni 02/09 - Devoluzzjoni ta' l-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li tigi diskussa mozzjoni numru 02/2009 li qed titlob li l-Kunsill jitlob id-devoluzzjoni tal-Bini Amministrattiv u ż-żona tal-madwar. **(Ara dokument G)**

10.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

10.03. Wara diskussjoni s-Sindku Joe Zammit ippropona li l-mozzjoni tigi approvata kif ipprezentata.

10.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

10.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Approvazzjoni tal-kontijiet.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument H u I)**

11.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati ghajr tad-dawl ta' Sit B San Gorg kif ukoll li l-kontijiet ta' Ell's Urban Services fejn qal li dawn ghandhom jinhargu wara li l-kont ikun gie ccertifikat mill-Perit tal-Kunsill.

11.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

***11.05. Fis-6.50 pm il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li jigi skuzat u halla l-kamra.***

## 12. Materji ohra.

12.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fuq talba ta' residenti ta' Blokk 6 Triq Pietru D'Armenia, kienet inkitbet ittra lill-Awtorita' tad-Djar sabiex isir tibjid tal-komun.

12.02. Is-Sindku Joe Zammit irrefera ghall-ilment tas-sinjura Charlotte Zammit fejn talbet biex il-Kunsill jirranga l-bankina ta' Triq Alamein fejn il-kaxxa tal-parkegg riservat ghall-persuni b'dizabilita' fejn l-iskola ta' St. Michael minhabba li ghalkemm il-bankina baxxa persuna b'wheel chair xorta tkun ta' periklu li teghleb.

12.03. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li jekk huwa possibbli ghandha ssir manutenzjoni mad-dawra kollha tal-Kunsill qabel l-istagun xitwi halli ma jidholx ilma u ssir aktar hsara.

12.04. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li ghanhda ssir kemm il-manutenzjoni tad-dawra tal-Kunsill kif ukoll dik tal-bankina ta' Triq Alamein.

12.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

***12.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rega' wasal fis-7.05pm.***

12.08. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li ssir attivita' kulturali f'Roccalumera f'Settembru 2009 kif isir kull sena. Il-kelliem qal li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghandu jara liema d-data li ghad trid tigi stabbilita

12.09. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.11. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jibda l-process sabiex jigi ppubblikat il-ktieb dwar l-istorja tal-lokal kif ippreparat mis-sur Denis Darmanin. Il-kelliem ippropona ukoll li jekk hemm bzonn ta' Bye Law din ghandha ssir ukoll halli l-Kunsill ikun jista' ibiegh dan il-ktieb inkuz li jintalab il-parir ta' l-Avukat dwar il-ligi tal-copyright. Finalment is-Sindku Joe Zammit qal li jekk tkun il-htiega ghandhom jigu

avvicinata djar tal-pubblikazzjoni ghall-parir taghhom dwar kif jista' jigi ppubblikat il-ktieb u dwar l-ammont ta' kotba li jigu stampati.

12.12. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li hemm bzonn li jsir tindif tal-picnic area ta' Pembroke.

12.15. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li flimkien mal-Vici Sindku li tkellmu ma' residenti fi Blokk 7 Triq Patri Serafin Zarb u li qed jilmentaw li kellha ssir rampa ghal fuq il-bankina minhabba li qed ikun hemm problemi meta jkun hemm bzonn t'ambulanza, li s'issa qatt ma saret. Il-kelliema ipproponiet biex din isir.

12.16. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.17. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.18. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jitlob laqgha mal-grupp No Bling Show vis-a-vis il-kuncert li kienu ghamlu fis-sit tal-MIM u dan minhabba li naqsu minn diversi obbligazzjonijiet li kellhom.

12.19. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.21. Il-Kunsillier Lauro Fava staqsa jekk id-dikasteru ta' l-Ambjent huwiex taht ir-responsabilita' tal-Kunsillier Joe Brincat jew huwiex taht ir-responsabilita' tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u dan fid-dawl li xi xhur ilu waqt laqgha tal-Kunsill dan kien ghadda f'idejn il-Kunsillier Joe Brincat.

12.22. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrefera ghall-komunikazzjoni li saret aktar kmieni illum wara nofs inhar mal-Kunsillier Lauro Fava rigward it-talba ghall-laqgha mill-WYMCA. Il-kelliem qal li d-dikasteru huwa responsabilita' tal-Kunsillier Joe Brincat izda fil-prattika huwa qed jghin lill-Kunsillier Joe Brincat minhabba l-esigenzi tax-xoghol li ghandu li mhux dejjem ikun jista' jlahhaq.

12.23. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li dan ifisser li jekk hemm xi formalita' nkluz data ghall laqgha bhall ma talbu WYMCAghat 13 ta' Awissu l-ewwel li ghandu jsir jaf huwa l-Kunsillier Joe Brincat. Il-kelliem qal l'izda jidher li l-Kunsillier Joe Brincat lanqas jaf jew kien infurmat b'din it-talba.

12.24. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li bhalissa hawn influss kbir ta' studenti fil-lokal li jiggeneraw hafna skart u ghalhekk ipproponiet li l-iskejjel li hawn fil-lokal ghandhom jigu mitluba jikkumpensaw finanzjarjament l-ammont ta' € 1,164.00 kull skola sabiex taghmel tajjeb ghat-tindif ta' l-iskart u l-hsara li dawn jiggeneraw fil-lokal. Il-kelliema qalet li din il-proposta kienet qed titressaq ukoll f'isem numru ta' genituri li jibghatu lit-tfal taghhom fl-istess skejjel. Il-kelliema rrakkomandat li din l-ittra tintbaghat lill-iskejjel li jghallmu l-ingliz fosthom Link School of English, EC, Sprachcaffe Language School, EF u Magister Academy.

12.25. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.27. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-kumpaniji li jgorru l-istudenti minn u lejn il-lokal ghandhom jigu nfurmati li ma jistghux jibqghu jizgumbraw Triq il-Profs Walter Ganado bl-ipparkjar ta' coaches. Il-kelliem qal li huwa kien ser jipprovdi lista tal-

kumpaniji koncernati sabiex isir kuntatt maghhom u jigu mitluba sabiex jikkoperaw mal-Kunsill.

12.28. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.30. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jaghmel Bye Law biex ma jithallewx isiru BBQ's, ma jitpoggewx kampijiet u lanqas caravans fl-akwati tal-Bajja ta' Pembroke.

12.31. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.33. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li Mrs. Giordano kienet infurmatu li qed tiehu hsieb li ssewwi numru ta' qtates fil-lokal. Il-kelliem qal li bhalissa qed isir xoghol simili fl-akwati ta' St. Patrick's.

12.34. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill ghandu jara x'mezzi legali jista' jiehu sabiex fl-Ex Parade Ground ma jibqghux isiru kuncerti muzikali minhabba l-inkonvenjent li qed isofru r-residenti koncernati specjalment dawk tad-dawra, u dan minhabba l-volum qawwi ta' hoss, minhabba periklu kif ukoll minhabba nkonvenjent ingenerali fil-lokal. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill ghandu jiehu parir legali dwar dan bil-possibilita' li jitqajjem ukoll quddiem l-EU.

12.35. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

***12.37. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li tigi skuzata u halliet il-kamra fit-8.20 pm.***

| | |
|---|---|
| **46/3942/09/I**<br>22/07/2009 | Stima ta' € 27,824.79 minghand MED Developers Designers Consultants Ltd. sabiex isiru 3 lampi fit-triq li minn Triq il-Mediterran taghti ghal hdejn il-ground ta' Pembroke Athleta. |
| **46/3943/09/I**<br>22/07/2009 | Stima ta' € 32,714.13 minghand MED Developers Designers Consultants Ltd. sabiex isiru 8 lampi fit-triq li minn Triq il-Mediterran taghti ghal hdejn il-ground ta' Pembroke Athleta. |
| **46/3944/09/I**<br>22/07/2009 | Stima ta' € 7,554.35 minghand MED Developers Designers Consultants Ltd. sabiex isiru 5 lampi tad-dawl fi Triq il-Beatu Dun Gorg Preca. |

12.38. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jitlob laqgha ma' l-Onor. Ministru Dr. Austin Gatt dwar il-problema tad-dawl fejn dan jigi nfurmat li l-Kunsill lest li johrog il-vot kollu ghax-xoghol li hemm bzonn izda ghandu bzonn l-ghajnuna tal-Gvern sabiex dak kollu li hemm bzonn ikun jista' jsir.

12.39. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.40. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.41. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jikteb ufficjalment lill-Kunsill Lokali Swieqi sabiex isir knis ta' Triq Sant' Andrija specjalment biswit il-Banka tal-Lottu.

12.42. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.43. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.44. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lis-Sindku jekk it-talba tieghu sabiex isir caqlieq tal-hin tal-break kienetx ser tigi diskussa.

12.45. Is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jirtira mill-kamra sabiex tigi diskussa t-talba tieghu.

***12.46. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irtira mill-kamra u l-laqgha giet sospiza fit-8.25 pm.***

***12.47. Il-laqgha tkompliet fit-8.35 pm.***

12.48. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li wara l-laqgha li ghandha ssir nhar l-Erbgha 5 ta' Awwissu, il-laqgha ta' wara ghandha ssir fl-ewwel gimgha ta' Settembru.

12.49. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.50. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.51. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa jekk il-Kunsill kienx laqgha t-talba tieghu jew le.

12.52. Is-Sindku Joe Zammit qal li wara li l-Kunsill kien iddiskuta t-talba tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien qed jipproponi li biex is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ma jinqabadx b'hafna leave akkumulat, it-talba tieghu kienet qed tigi rifjutata u kien qed jigi mitlub biex il-hin mitlub jittiehed bhala vacation leave.

12.53. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.54. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava vvota kontra.

12.55. Il-mozzjoni ghaddiet.

12.56. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fil-fatt dan kien diga qed isir apparti l-fatt li huwa kien diga bbukkja l-vacation leave bil-quddiem sa l-ahhar ta' Settembru bil-lest ghall-eventwalita' li l-Kunsill ma jaccettax it-talba tieghu kif sar fil-laqgha tal-lum.

12.57. Il-Kunsillier Lauro Fava talab li jaghmel dikjarazzjoni fejn qal li r-raguni dikjarata ghad-decizjoni tal-Kunsill hija falza u li l-Kunsill ibbaza d-decizjoni tieghu fuq kunsiderazzjonijiet irrelevanti u li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ma kellu ebda awtorita' dwar jekk is-Sindku Joe Zammit jaffrontax lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fuq dan jew le meta t-tlett Kunsilliera l-ohra kien qablu dwar dan.

12.58. F'dan il-hin qam argument bejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u s-Sindku Joe Zammit wara li saret riferenza mis-Sindku Joe Zammit li t-talba tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ma kienetx intlaqghet mhux l-aktar minhabba r-raguni moghtija aktar qabel izda minhabba xi haga ohra li tikkoncerna l-iskrivana Kirsty Rizzo fil-konfront tas-Segretarju Ezekuttiv.

12.59. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab lis-Sindku Joe Zammit sabiex jispjega x'kien l-argument li qed issir riferenza għalih.

12.60. Is-Sindku Joe Zammit qal li sta ghall-Vici Sindku Alfred Mazzitelli li jissustanzja l-kumment li kien ghamel nhar il-gimgha ezatt wara l-laqgha tal-Kumitat tal-Finanzi lill-Kunsilliera kollha fejn kien irrimarka li kien sar nuqqas simili ma' l-iskrivana Kirsty Rizzo vis-a-vis li s-sinjorina Kirsty Rizzo kienet talbet siegha leave ghall-bzonn u s-Segretarju Ezekuttiv kien gielha tiehu gurnata leave.

12.61. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg cahad li qatt kien hemm xi trattament simili u stieden lis-Sindku Joe Zammit biex jekk jixtieq fil-prezenza tieghu u tal-Kunsilliera jaghmel kuntatt ma' l-iskrivana Kirsty Rizzo sabiex tikkonferma jew tichad dawn l-allegazzjonijiet infondati.

12.62. F'dan il-mument il-Vici Sindku qam u hareg il-barra xi ftit kommoss u wara ftit rega' lura fil-kamra u rega' kien hemm reazzjoni mill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fejn ghadda rimarki lejn is-Sindku Joe Zammit fejn stqarr "mintiex ragel ghax ftehmna li ma nghidux lis-Segretarju Ezekuttiv ghaliex" u lejn is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg li flimkien mas-Sindku Joe Zammit qed jitrattaw hazin lill-iskrivana Kirsty Rizzo u li qed jaghmlula hajjietha nfern.

12.63. F'dan il-hin, 8.40 pm, is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha wara li kien diga ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 5 ta' Awwissu 2009 fil-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit<br>***Sindku*** | Kevin Borg<br>***Segretarju Ezekuttiv*** |